**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D.; M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Luke Sant Berry**

**Kawza numru: 855/2024**

**Illum 13 ta' Gunju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Luke Sant Berry** ta' 32 sena, iben Agostino Sant u Irene Sant nee' Vella, imwieled il-Pieta' nhar l-11 ta' April 1991 u residenti gewwa 14, 'Madonna ta' Pompei', Misrah Brittanja, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0202991(M);

**Akkuzat** talli f'dawn il-gzejjer u cioe nhar it-28 ta' Lulju 2023 kif ukoll fil-granet u xhur ta' qabel gewwa l-fond bin-numru 14, "Madonna ta' Pompei", Misrah Brittanja, Mosta:

1. Minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel il-hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita tieghek innifsek, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkilt lil Gail Berry fil-pussess ta' hwejjigha. **Art 85(1) (2) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' April 2025[1].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan il-kaz jirrigwarda allegazzjoni minn naha ta' Gail Berry li irrapportat li fit-28 ta' Lulju 2023 hija ipprovat tidhol fid-dar matrimonjali u skopriet li ma setetx tiftah il-bieb. Qalet li s-sellatura setet inbidlet biss mill-imputat, ir-ragel taghha li jghix fil-fond.

L-imputat, mitkellem mill-pulizija jghid illi huwa dakinhar kien ma jiflahx u li hu jaghlaq il-bieb bil-firrolli minn gewwa, kif kienu jaghmlu minn dejjem anke meta kienu jghixu hemm flimkien. Jghid illi kien rieqed u x'hin habtet il-bieb l-kwerelanta huwa ma semaghhiex, jghid li ircieva telefonata minn ghand l-avukat taghha li sar rapport u biex jiftah il-bieb. X;hin fetah il-bieb ma sab lil hadd.

**Provi**

[1] Folio 54 tal-process.

Xehdet **PS 2145 Graziella Camilleri** fejn qalet li marret l-ghassa l-Mosta Gail Berry li irraportat li fit-28 ta' Lulju 2023 hija ipprovat tidhol fid-dar matrimonjali u skopriet li ma setetx tiftah il-bieb. Qalet li s-sellatura setet inbidlet biss mill-imputat, ir-ragel taghha li jghix fil-fond.

L-imputat, mitkellem mill-pulizija jghid illi huwa dakinhar kien ma jiflahx u li hu jaghlaq il-bieb bil-firrolli minn gewwa, kif kienu jaghmlu minn dejjem anke meta kienu jghixu hemm flimkien. Jghid illi kien rieqed u x'hin habtet il-bieb l-kwerelanta huwa ma semaghhiex, jghid li ircieva telefonata minn ghand l-avukat taghha li sar rapport u biex jiftah il-bieb. X'hin fetah il-bieb ma sab lil hadd. Spjega li kemm ilha li telqet mid-dar fi Frar 2023, martu gejja u sejra fir-residenza. Spjega illi huwa ghandu certifikat mediku li dakinhar kien ma jiflahx.[2]

Xehdet **Gail Berry** nhar id-18 ta' Ottubru 2024. Hija spjegat li hi ghad fadlilha hwejjigha u oggetti personali fid-dar matrimonjali. Spjegat li l-fond fih zewg bibien. Taqbel li fil-fond illum jghix biss l-imputat u li prezentament hemm proceduri ta' separazzjoni bejniethom. Tghid illi fil-proceduri civili l-imputat iddikjara li mhux lest li jaghtiha kopja tac-cavetta u esebiet kopja ta' risposta prezentata fil-proceduri civili, dokument GSB a folio 25 tal-process.[3]

Dan id-dokument huwa kopja semplici ta' risposta li l-imputat prezenta ghar-rikors ta' martu tal-5 ta' Lulju 2023. Din il-kopja la giet awtentikata bhala vera kopja u lanqas giet prezentata mir -Registratur tal-Qrati Kriminali u ghalkemm giet esebita mill-parte civile waqt li kienet qed tixhed, id-dokument innifsu mhux konfermat bil-gurament.

---

[2] A folio 6 tal-process.
[3] A folio 20 tal-process.

Xehed l-imputat **Luke Sant Berry**[4] fit-18 t'Ottubru 2024, fejn spjega illi huwa dakinhar kien ma jiflahx u li hu jaghlaq il-bieb bil-firrolli minn gewwa, kif kienu jaghmlu minn dejjem anke meta kienu jghixu hemm flimkien. Jghid illi kien rieqed u x'hin habtet il-bieb l-kwerelanta huwa ma semaghhiex, jghid li ircieva telefonata minn ghand l-avukat taghha li sar rapport u biex jiftah il-bieb. X'hin fetah il-bieb ma sab lil hadd. Spjega li kemm ilha li telqet mid-dar fi Frar 2023, martu gejja u sejra fir-residenza. Spjega illi huwa ghandu certifikat mediku li dakinhar kien ma jiflahx. Jghid illi hi dakinhar marret ma' zewgt irgiel illi huwa ma kienx jaf illi huma agenti tal-proprjeta u dan rah mis-CCTV. Hu dakinhar kien ma jiflahx fis-sodda u sakemm mar jiftah il-bieb kienu lahqu telqu.

Jinsisti li hu qatt ma biddel is-sellatura, u li sa dik il-gurnata hija kienet tidhol fid-dar liberalment u dahlet diversi drabi u kienet taghmillu l-vendikazzjonijiet. Jghid ukoll illi hija kienet gia hadet hwejjigha u anke tat-tifel u li kull ma jrid hu li meta tkun gejja taghtih preavviz.

**Ikkunsidrat:**

L-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti:

**FUQ L-UŻU KONTRA L-LIĠI MILL-PRIVAT TAS-SETGĦAT TAL-AWTORITÀ PUBBLIKA.**

85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi

[4] A folio 28 tal-process.

obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawza l-**Pulizija vs Salvatore Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-mibki Onorevoli Imhallef William Harding inghad:

'***L-elementi kostituttiv tar-reat ta' ezercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet (ragio fattasi) huma erbgha u cjoe'***:

1. ***Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi u li jkun ezegwa kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta, ta' xi hadd iehor;***
2. ***Il-kredenza li l-att qieghed isir b'esercizzju ta' dritt;***
3. ***Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika;***
4. ***Nuqqas ta' titolu, li jirrendiil-fatt aktar gravi.'***[5]

Ikompli jinghad fl-istess sentenza:

'***Ir-rekwiziti tieghu ma jmorrux aktar l'hemm minn dawk fuq indikati; pero hu fatti li min jaghmel att li bih ikun qieghed jiehu l-ligi f'idejh, b'daqshekk ikun iqeghed juzurpa f'sens generali funzjoni li tmiss biss lill-awtorita' gudizzjaraja.'***[6]

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Joseph Scicluna omissis** (App. Nru. 234/2107) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 31 ta' Lulju 2019 per Onor. Imhallef Edwina Grima gie riaffermat:

'***Jinghad biss illi anke is-semplici detenzjoni jew dritt ta' tgawdija jew uzu huwa bizzejjed sabiex jissussisti r-reat u dan meta bl-att materjali l-parti leza tigi imcahhda milli tkompli b' dan l'uzu jew din it-tgawdija.***[7]'

Imbaghad ikompli jinghad fil-kawza **Il-Pulizija vs Clive Caruana** (App. Nru. 61/2018) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 21 ta' Lulju 2020 per Onor. Imhallef Aaron M. Bugeja:

'***.....izda mill-banda l-ohra, dawn il-flus kienu wjoll fil-<u>pussess kongunt</u> tieghu u ta' martu. B' hekk bl-azzjoni tieghu l-appellant gie li impedixxa lil martu minn dritt li hija kienet tgawdi fuq il-flus, liema impediment sehh bid-dissens implicitu jew esplicitu taghha. Hija ma setghetx taccedi ghal dawn il-flejjes wara l-azzjoni unilaterali tal-appellant***.'[8]

Finalment fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Paul Joseph Portelli** (App. Nru. 264/2018) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Settembru 2020 per Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti gie osservat is-segwenti:

***'....kif spjegat din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Eileen Said (deciza fid-19 ta' Gunju 2002) 'Sakemm tigi xolta il-komunjoni tal-akkwisti, jew sakemmm ikun hemm xoi ordni ta' allonatanament minn dan il-fond ta' xi wahda mill-konjugi mill-Qorti kompetenti, it-tnejn ghandhom propjetarji tal-istess u hadd minnhom ma jista'***

***jeskludi lill-parti l-ohra mill-godiment tieghu u mill-access ghalih'. Din hija l-posizzjoni civiliter...'*[9].

**Ikkunsidrat:**

Il-kundizzjonijiet generali ghar-responsabilita' kriminali huma ndikati b' mod preciz fil-principju legali "actus non facit reum nisi mens sit rea". Ghalhekk att wahdu ma jistax jigi meqjus bhala att kolpevoli jekk tali att mhux akkompanjat b'mens rea. Fi kliem iehor hemm zewg kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti qabel ma jista' jinghad li hemm responsabilita' kriminali u cioe' dak l-att materjali maghruf bhal l-actus reus u l-element formali u cioe' l-mens rea.

L-att materjali huwa dak l-att maghmul minn individwu li jivvjola d-drittijet ta' terz. L-element formali huwa l-mens rea li ghandu jakkompanja dan l-att materjali. Ghalhekk huwa mehtieg li l-Qorti tqis l-intenzjoni doluza o meno tal-imputat f'dak li ghamel jew naqas li jaghmel qabel ma l-Qorti tista' tasal sabiex tistabilixxi l-htija o meno, u dan ghaliex hemm cirkostanzi meta ma hemmx intenzjoni kriminali ghalkemm l-att huwa kiefer u oggettivament hazin.

Il-mens rea jinkludi zewg attitudni tal-imputat u cioe' l-imputat ikun responsabbli ghal dawk l-atti hziena li jaghmel b'mod intenzjonali fejn allura l-intenzjoni tieghu tkun wahda doluza u dik fejn l-imputat ikun traskurat f'ghemilu u ghalhekk l- intenzjoni tieghu hija wahda a culpa. Huwa biss meta jkun hemm wiehed minn dawn ic-cirkostanzi li jista' jinghad li l-att materjali jkun akkompanjat bil-mens rea rikjesta mil-ligi u li l-element formali u materjali ta' reat jikkoncidu u dan ghaliex jekk m'hemmx dolus u ad dirittura lanqas culpa allura ma hemmx responsabilita kriminali.

L-intenzjoni b'mod generali hija l-iskop jew disinn li bih att jigi affettwat. Jinghad li att huwa ntenzjonat jekk jezisti fil-hsieb qabel ma jsehh. **Holmes** fil-ktieb tieghu Common Law a folio 53 jirrileva li: "intention resolves itself into two major issues - that of foresight and that of wish, desire." Ghalhekk att huwa intenzjonat meta kull parti tieghu jikkorrispondi ghal hsieb precedenti li kien prezenti f'mohh l-agent u li bih gie realizzat l-att. B' mod generali jinghad li huwa l-operat maghdud ta' intellett u rieda.

Huwa car fil-ligi penali li l-kelma 'intenzjoni' hija uzata f'sens usa u fil-fatt **Carrara** jiddefinixxi l-intenzjoni kriminali dolus "as the more or less perfect intention of doing an act which is known to be contrary to law". Mhux necessarju li l-imputat ikun jaf li qed jikser il-ligi izda, minhabba l-principju ignoratia iuris neminam excusat, izda li l-imputat kien jaf li kien qed jaghmel xi haga hazina.

Kif jghid l-awtur Ingliz **Kenny** a folio 39 tal-ktieb tieghu intitolat Criminal Law – "in all ordinary crimes the psychological element which is thus indispensable may be fairly accurately summed up as consisting simply in intending to do what you know to be illegal." Dan l-element jirrikjedi: 1. "the power of violation, i.e. that the offender must be able to help doing what he does; 2. knowledge - that what the offender is doing is wrong; 3. foresight of such circumstance".

**Antolisei** fil-ktieb tieghu - Manuale di diritto penale - 1975 edition (folio 271) jghid li sabiex imputat jinsab hati ta' reat huwa essenzjali li jkun hemm l-ezistenza tad-dolo, ex admisses jghid:- a. "la rapresentazione o cioe' la visione anticipata dell fallo che costituisce il reato (momento conoscitivo o intelletuale); b. la risoluzione seguita da uno sforzo del volere diretto alla realizzazione del fatto rappresentato (momento volitivo)".

**Ikkunsidrat:**

Illi ghandu jigi mfakkar ukoll illi l-imputat mhuwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe beyond reasonable doubt izda nonostante cio' l-imputat ghazel illi jixhed u jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti.[5]

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- "Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**: "It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

[5] A folio 28 tal-process.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Illi tajjeb li jigi rrimarkat li sa mill-istadju bikri ta' meta sar ir-rapport, l-imputat ikkollabora mal-Pulizija u kien kredibbli u konsistenti f'dak li sahaq u l-istess konsistenza rrizultat anke meta ha l-pedana tax-xhieda fejn bazikament ikkonferma dak mistqarr minnu meta gie mitkellem mill-Pulizija a tempo vergine.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa umilment sottomess li skond il-ligi proceduralі nostrana, kull qorti, u partikolarment qorti ta' gudikatura kriminali, ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li tista' ggib parti. Tali regola tohroġ mill-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu hu applikabbli ghall-proceduri kriminali bis-sahha tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre jinghad li l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jghid bl-aktar mod skjett li "Bhala regola, ghandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar shiha u sodisfaċenti illi l-każ ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti".

Illi tenut kont ta' dawn ir-regoli tassattivi ta' proċedura penali, jinghad li fil-każ odjern zgur illi ma giex sodisfatt li kif tenniet il-Qorti tal-

Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 2015 fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Antoine Agius** "il-principju kardinali tal-kamp kriminali li sabiex ikun hemm sejbien ta' htija il-Prosekuzzjoni trid necessarjament iggib u tipprezenta l-aqwa prova li jkollha fil-pussess taghha. Tant hu hekk illi l-prosekuzzjoni tenuta tipprezenta kull prova kemm dik favur u kemm kontra".

Illi fuq ir-regola tal-ahjar prova l-**Professur Mamo** jghid hekk: ' The main object of the rules of evidence is to secure, so far as it can be secured, that the evidence given in a judicial proceeding shall be true, and for that reason they require that the best evidence procurable of the matter in dispute shall be given and in a manner which will best ensure the object in view....The rule as to the production of the best evidence is rigid, and the mind of the Court is alert to discover, when evidence of an alleged fact is tendered, whether it is not within the power of the person tendering it to produce better evidence of the same fact, and if the court is satisfied that better evidence can be produced it will insist upon the production thereof...In the unavoidable absence of the best or primary evidence, the Court will accept what is known as secondary evidence. Secondary evidence is evidence which suggests on the face of it that other and better evidence exists. It follows that it will never be received until the party tendering it proves that it is out of his power to obtain other evidence...'.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-kaz in ezami l-Qorti tinnota li dan l-kaz imur lura ghat-28 ta' Lulju 2023. Il-parte civile tghid illi fil-proceduri civili l-imputat iddikjara li mhux lest li jaghtiha kopja tac-cavetta u esebiet kopja ta' risposta prezentata fil-proceduri civili, dokument GSB a folio 25 tal-process.

Id-difiza oggezzjonat ghal tali dokument stante illi d-dokument huwa kopja mhux awtentikata, ma giex prezentat mir-registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u mhux konfermat bil-gurament.

Il-Qorti tinnota li dan id-dokument huwa kopja semplici ta' risposta li l-imputat prezenta ghar-rikors ta' martu tal-5 ta' Lulju 2023. Din il-kopja la giet awtentikata bhala vera kopja u lanqas giet prezentata mir -Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u ghalkemm giet esebita mill-parte civile waqt li kienet qed tixhed, id-dokument innifsu mhux konfermat bil-gurament.

Illi ghalhekk dan id-dokument ma jilhaqx il-livell tal-prova li trid il-ligi fil-kamp kriminali.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-Qorti hija rinfaccjata minn zewg verzjonijiet kontrastanti, dik tal-parte civile u dik tal-imputat.

Il-Qorti wara li gharblet ix-xhieda taghhom, tqis illi jirrizulta li l-imputat ma bidilx is-sellaturi, li huwa f'dak iz-zmien kien qed jokkupa l-imsemmi fond wahdu pero martu kellha c-cavetta u kienet gejja u sejra mill-fond pendenti proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet. L-imputat jispjega illi meta kienu ghadhom jghixu flimkien il-bieb dejjem kien jinghalaq bil-firrolli minn gewwa u huwa baqa' jaghmel hekk. Jirrizulta wkoll illi kienet il-kwerelanta illi telqet mid-dar matrimonjali, konsegwentament hekk kif hija abbandunat id-dar matrimonjali ma jistax jinghad illi kien ghad baqaghlha l-pussess li trid il-ligi biex dan ir-reat jigi ippruvat.

Il-Qorti ghalhekk tqis li m'ghandhiex tinstab htija fl-imputat.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed issib lill-imputat **LUKE SANT BERRY MHUX HATI** tal-akkuza migjuba kontra tieghu taht l-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberah minn kull htija u piena fir-rigward tal-istess.

Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata immedjatament lill-partijiet u li din is-sentenza titpogga minnufih fuq is-sistema digitali tal-Agenzija tal-Qrati.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Heidi Zammit
Deputat Registratur